MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Numru 181/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

Robert Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Robert Galea karta ta' identita' numru 229581(M), akkuzat talli:

Fis-17 ta' Frar, 2004, ghall-habta tat-3 p.m., gewwa l-Palm Court Hotel fi Triq it-Tamar, Qawra, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' laham mill-istess lukanda, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kienu gie esegwit kien

ikun serq aggravat bil-persuna ai termini tal-artikolu 268 © tal-Kap 9;

Fl-istess data u hin, u/jew fil-jiem/xhur ta’ qabel, fl-istess lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ laham, liema serq ma jaqbizx il-mitt lira Maltin, ghad-dannu ta’ l-imsemmija lukanda, liema serq huwa aggravat bil-persuna ai termini tal-Artikolu 268 © tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u, iktar,

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 b’sentenza moghtija mill-Qrati Maltin fis-26 ta’ Ottubru, 1999, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw l-attentat ta’ serq u s-serq proprju. L-imputat irregistra ammissjoni fil-konfront ta’ dawn ir-reati liema ammissjoni hi wahda volontarja u nkondizzjonata.

Wara li qieset l-fedina penali izda kkonsidrat li r-rifortiva giet ritornata tiddecidi li sabiex taghti l-ahhar opportunita’ lill-imputat li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum billi tapplika l-Artikolu 22 Kap 446 wara li rat l-Artikolu 18, 41, 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat ir-responsabilitajiet tieghu nascenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------